# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 2**

**Rikors maħluf numru 428/2013/1 JZM**

***Anvil Limited* (C-2524)**

***v.***

***Ta' Giorni Limited* (C-44235); *Dhalia Investments Limited* (C-1604); Av. Dorianne Vella u P.L. Quentin Tanti li b'dikriet tas-27 ta' Mejju 2013 inħatru kuraturi deputati biex jidhru għall-assenti Ahmet Ertugrul, u Dunstan Williams li b'dikriet tad-9 ta' Ottubru 2013 assuma l-atti minflok il-kuraturi li għalhekk inħarġu mill-kawża**

1. Dan huwa provvediment fuq talba magħmula mill-appellant Ahmet Ertugrul taħt l-art. 904 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex jingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament. It-talba saret b'rikors tat-12 ta' Jannar 2023 li għalih wieġbu l-konvenuti *Ta' Giorni Limited* u *Dhalia Limited* flimkien fis-17 ta' Jannar 2023, u l-attriċi *Anvil Limited*, ukoll fis-17 ta' Jannar 2023.

2. Fit-tweġiba tagħhom *Ta' Giorni Limited* u *Dhalia Limited* igħidu illi qabel xejn għandha ssir il-prova illi r-rikors sar fiż-żmien li tagħti l-liġi[1] ta' tliet xhur wara n-notifika lill-appellant tal-avviż għall-ħlas tal-garanzija. In-notifika saret fit-12 ta' Jannar 2023 meta deher l-appellant waqt is-smigħ u laqa' n-notifika, u r-rikors sar dakinhar stess, u għalhekk sew qabel ma għalqu t-tliet xhur li tagħti l-liġi.

3. Fit-tweġiba l-istess konvenuti jgħidu illi fit-12 ta' Jannar 2023 l-appellant laqa' biss in-notifika tal-avviż tas-smigħ u mhux ukoll tal-avviż għall-ħlas, u għalhekk għad trid issir prova ta' meta saret in-notifika tal-avviż għall-ħlas biex jista' jiġi stabilit jekk ir-rikors sarx tassew fiż-żmien li tagħti l-liġi. Iżda l-avviż għall-ħlas u l-avviż tas-smigħ jingħataw lill-appellant f'dokument wieħed u għalhekk in-notifika tat-tnejn saret lill-appellant fl-istess jum, *viz.* it-12 ta' Jannar 2023. L-osservazzjoni tal-konvenuti hija għalhekk fiergħa u turi biss nuqqas ta' serjetà.

4. Biex tintlaqa' talba biex jingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament, il-liġi trid illi l-appellant i. juri *prima facie* li għandu *probabilis causa litigandi* u ii. jaħlef li ma seħħlux li jġib il-garanzija li trid il-liġi.

5. Fit-12 ta' Jannar 2023 l-appellant ħalef li ma għandux mezzi biex jagħti l-garanzija, u l-qorti hija sodisfatta li dan huwa l-każ.

6. Dwar il-*probabilis causa litigandi* l-qorti tosserva illi fost l-aggravji tal-appell hemm dak minn dik il-parti tas-sentenza appellata tat-30 ta' Novembru 2020 illi ikkundannat lill-appellant "iħallas l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża". Fis-sentenza preliminari tat-2 ta' Marzu 2016 l-ewwel qorti, wara li ċaħdet xi eċċezzjonijiet tal-konvenuti *Ta' Giorni Limited* u *Dhalia Limited*, kienet ordnat illi l-ispejjeż relativi jitħallsu mill-istess żewġ konvenuti. Jidher għalhekk *prima facie* illi hemm konflitt bejn iż-żewġ sentenzi tal-ewwel qorti u għalhekk, għallinqas f'dan l-aggravju, l-appellant għandu *probabilis causa litigandi*..

[1] Art. 249 K.O.P.Ċ.

7. Billi għalhekk tħares dak kollu li jrid l-art. 904 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-qorti tilqa' t-talba tal-appellent magħmula bir-rikors tat-12 ta' Jannar 2013 u tagħtih il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament.

8. Dwar l-ispejjeż ta' dan l-episodju jkun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da